MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 476/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Rosanna Debattista)**

**vs.**

**Salvu Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Salvu Borg**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Paul u Carmela neé Bonello, imwieled Birkirkara nhar it-28 ta' Novembru 1960 u residenti 61, Maria Mater Gratiae, Triq is-Santwarju, San Gwann u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 741860(M), akkuzat talli f'Ottubru 2011, f'dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali,

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew talli ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli ai terminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew talli ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat ai terminu ta' l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u talli huwa recediv skond l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, fis-seduta tallum, tiddikjara illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet, cioé dawk li jaqghu taht Artikoli 183 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huma alternattivi ghat-tielet (3) imputazzjoni, cioé dik li taqa' taht Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il–fedina penali tal-imputat, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, u, kif ukoll, dak li wassal lill-imputat jikkommetti r-reati li huwa akkuzat bihom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li l-ewwel (1) u t-tieni

(2) imputazzjonijiet, cioé dawk li jaqghu taht Artikoli 183 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, huma alternattivi ghat-tielet (3) imputazzjoni, cioé dik li taqa’ taht Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet, cioé dawk li jaqghu taht Artikoli 183 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u wara li rat Artikoli 49 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------